**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni 675/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Andrea Soriani**

**Illum, 04 t'Awwissu 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Andrea Soriani** , detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 159278A;
>
> U nakkuzah talli fil-15 ta' Lulju 2019 ghall-habta ta' 12:25hrs gewwa Triq Melita kantuniera ma' Triq San Pawl il-Belt Valletta:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Arthur Giordano, dan skond kif giet iccertifikata minn Dr. Dalli Badjadi Med reg 3358 mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana u dan bil-ksur tal-artiklu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Arthur Giordano jew biex tinzam l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat l-atti u d-dokumenti ezebiti.

Semghet ix-xhieda.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi waqt ix-xhieda tieghu, l-imputat ammetta illi fil-fatt huwa ta daqqa ta' ponn f'wicc l-allegat vittma Giordani. Jghid illi induna wara li jdejh kienu mcappsa bid-demm. Illi l-imputat spjega li dan il-gest tieghu kien ritaljazzjoni peress li skont l-imputat l-allegat vittma kien laqtu bir-rota tal-mutur tieghu waqt li prova jghaddi minn mal-karozza tal-imputat li kienet qed timblokka t-triq. L-imputa ma gab l-ebda prova ta' dan u

lanqas xi certifikat li sofra xi griehi. Fil-fatt huwa jghid li ma marx ghand tabib.

Illi din ix-xhieda twassal ghall-ammissjoni mill-imputat dwar l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontrih.

**Piena:**

Il-Qorti tqis li jekk tassew l-imputat irritalja ghal xi att tal-vittma din ir-ritaljazzjoni ma kinitx proporzjonata ghaliex wasslet lill-vittma l-isptar bi griehi f'wiccu filwaqt illi l-imputat ma sofra minn xejn.

Wara li qieset il-provi kollha prodotti, l-Qorti tqis pero' li piena karcerarja ma hiex idoneja f'dan il-kaz.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, in-natura tal-akkuza migjuba kontra l-imputat u l-fatt li l-imputat kien onest fix-xhieda tieghu u ddikjara li huwa minnu li ta daqqa ta' ponn lill-vittma.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin tigi sospizi ghal sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi tal-istess jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u l-imputat jiddikjara illi fehem l-istess.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur